# Animazzjoni - It- 3 Ħadd tal-Avvent (Sena Ċ)

**Dħul:**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-Tielet Ħadd tal-Avvent. Dan il-Ħadd il-Knisja turina biċ-ċar li l-Mulej hu fil-qrib. Minflok il-kulur vjola, se jintuża dak roża li jissimbolizza l-ferħ. Il-Knisja għalhekk qiegħda tħeġġiġna sabiex nifirħu, għax il-Mulej hu tassew fil-qrib.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-qari tal-lum, jiddomina sens ta' ferħ għaliex il-Mulej jinsab aktar fil-qrib. Il-Mulej jifraħ bil-poplu Lhudi għax qorob aktar lejħ u b'hekk, issa l-istess poplu ma għandux għax jibża' iżjed mill-Mulej. San Luqa jerġa' jpoġġilna quddiemna x-xbieha ta' San Ġwann l-għammiedi, li din id-darba, b'tant umiltà, huwa juri b'ferħ lill-poplu x'għandu jagħmel biex jilqa' lill-Mulej li ġej.
Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel!

**Offertorju:**

Il-bniedem sabiex jitmantna spiritwalment jeħtieġ li jkun f'ħidma kontinwa. Inressqu għalhekk il-ħidmiet tagħna f'riġlejn l-artal bħala offerta lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

"Għamlu l-ħila, la tibżgħux: ara, Alla tagħna ġej biex isalvana." Dan huwa Alla li jagħtina s-saħħa biex naffrontaw id-diversi esperjenzi tal-ħajja tagħna. In-Nisrani jeħtieġ li jibqa' jitħabat biex jirċievi din is-saħħa b'mod kontinwu, liema saħħa jista' jirċevih b'mod gratuwitu fit-tqarbin.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.